*f'dan il-każ kien hemm skambju ta' informazzjoni jew data personali bejn il-bank appellant u l-MUBE, u dan l-iskambju ta' informazzjoni wassal biex jiġi identifikat l-appellat –kull ipproċessar jew żvelar ta' informazzjoni sensittiva mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data, f'dan il-każ l-appellat, u mingħajr ma jkun is-suġġett tad-data nnifsu li joħroġ din l-informazzjoni, jammonta għal ipproċessar illegali għaliex jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 15/2019 LM

**Jan Sammut**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data,**
**[u] b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2018, intervjena *in statu et terminis***
**HSBC (Malta) plc** *("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà **HSBC (Malta) plc**, hawnhekk "il-bank appellant", minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u

l-Protezzjoni tad-Data [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”], tat-12 ta’ Frar, 2019 [minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”], li permezz tagħha t-Tribunal laqa’ l-appell tar-rikorrent **Jan Sammut** mid-deċiżjoni tal-20 ta’ Settembru, 2016 tal-intimat Kummissarju għal Protezzjoni tad-Data [minn issa “il-Kummissarju”], u rrefera lura l-kwistjoni lill-Kummissarju intimat sabiex din tiġi kkunsidrata minnu mill-ġdid. Fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal iddeċieda li l-informazzjoni mogħtija minn HSBC (Malta) plc lill-Malta Union of Bank Employees [minn issa ’l quddiem “l-MUBE”] dwar il-fatt li r-rikorrent kien sospiż mix-xogħol wara li rreġistra *grievance* intern, hija informazzjoni sensittiva li kienet teħtieġ il-kunsens tar-rikorrent biex tingħata.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem il-Kummissarju fl-1 ta’ Lulju, 2016, fejn allega li s-soċjetà intimata HSBC (Malta) plc kienet għaddiet informazzjoni personali dwaru lill-MUBE. Fil-fehma tar-rikorrent l-informazzjoni mgħoddija kellha tiġi kklassifikata bħala ‘data sensittiva’ li kienet teħtieġ il-kunsens tiegħu biex tingħata.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent kien ilu impjegat mas-soċjetà HSBC (Malta) plc fi grad maniġerjali għal aktar minn għoxrin sena, u bejn il-partijiet kien intlaħaq ftehim li l-impjieg tar-rikorrent kellu jiġi tterminat fil-31 ta’ Marzu, 2016,

filwaqt li kellha titħallas lilu somma flus, bi qbil li l-bank ma jibdiex proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent spjega li dakinhar li huwa kellu jirrapporta għax-xogħol għall-aħħar darba, huwa ġie infurmat mil-bank appellant li dan il-ftehim ma kienx ser jiġi onorat, għaliex il-bank appellant ried li r-rikorrent jibqa' fuq il-kotba tal-bank. Minn proċeduri separati li saru, irriżulta li bit-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, il-bank appellant kien ser jispiċċa mingħajr uffiċjal liċenzjat bħala *trustee,* u għalhekk ried li r-rikorrent jibqa' fuq il-kotba tagħha sakemm uffiċjali oħra tas-soċjetà appellanta jiksbu l-liċenzja mill-MFSA sabiex jibdew jagħmlu dan ix-xogħol huma. Ir-rikorrent irreġistra *grievance* interna mal-bank skont il-ftehim kollettiv viġenti, u l-bank, minflok indirizza din il-*grievance,* istitwixxa proċeduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent u issospendieh mill-impjieg. Ir-rikorrent qal li din l-azzjoni min-naħa tal-bank intimat saret b'ritaljazzjoni għall-*grievance* irreġistrata minnu, u qal li apparti li kienet azzjoni diskriminatorja u abbużiva, saret sabiex il-bank jeħles mill-obbligu li jħallsu s-somma kif kien ġie mifthiem bejniethom. Qal li l-proċeduri dixxiplinarji mibdija kontra tiegħu kienu ser jikkawżawlu preġudizzju enormi u irreparabbli, u għalhekk talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-bank appellant ma tkomplix għaddej bil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Jirriżulta li dan il-mandat kien ġie milqugħ provviżorjament, u sussegwentement it-talba tar-rikorrent kien ġiet milqugħa b'mod definittiv mill-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2016.

4. Ir-rikorrent spjega li meta huwa rreġistra l-*grievance* interna, ħa ħsieb jinkariga lil impjegat ieħor tal-bank biex jirrappreżentah u dan sabiex jiġi evitat li dak li ġara, jsir magħruf minn terzi. Ir-rikorrent spjega li uffiċjal tal-*human*

*resources* tal-bank kien informa lill-President tal-MUBE bis-sospensjoni tiegħu, u bil-fatt li kienet ġiet irreġistrata *grievance* interna, u li r-rikorrent kien qiegħed jiġi rappreżentat minn ċertu Mark Muscat bħala impjegat tal-bank, minkejja li dan Muscat kien ukoll uffiċjal tal-*MUBE.* Ir-rikorrent qal li min-naħa tiegħu, il-President tal-*MUBE* kompla xerred il-kelma ma' terzi, għad-dannu tiegħu.

5. Ir-rikorrent qal li kien f'dan l-istadju li huwa ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għal Protezzjoni tad-Data, u talbu jinvestiga l-ilment tiegħu f'dan ir-rigward u biex wara li jiġu kkonfermati l-fatti kif imressqa quddiemu, il-Kummissarju jiddikjara jekk kienx hemm ksur tal-liġi tal-protezzjoni tad-data, u jissoġġetta lill-bank għas-sanzjonijiet stipulati fil-liġi. Fil-proċeduri quddiem il-Kummissarju intimat, il-bank appellant wieġeb li mal-MUBE huwa kien jiddiskuti ħafna suġġetti ta' interess reċiproku, iżda ma setax jistabbilixxi jekk waqt dawk id-diskussjonijiet tqanqalx il-punt li r-rikorrent kien fetaħ proċeduri ta' *grievance* interna. L-MUBE min-naħa tagħha wieġbet li hija ma ngħatat l-ebda informazzjoni speċifika jew dettaljata dwar il-*grievance* ta' xi individwu, iżda ikkonfermat li għal żmien twil kien hemm il-prassi li r-rappreżentant legali tal-*union* minn żmien għal żmien kien jistaqsi lid-dipartiment tar-riżorsi umani tas-soċjetà appellanta jekk kienx hemm xi kwistjonijiet pendenti fir-rigward tal-membri tagħha. L-MUBE ikkonfermat ukoll li l-*management* tal-bank kien jinfurmaha dwar sospensjonijiet ta' membri tagħha, iżda żiedet tgħid li f'dan il-każ ma ngħatat l-ebda informazzjoni personali kif definita fl-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

6. Il-Kummissarju ddeċieda li, ladarba ma sab l-ebda prova li kienet saret xi divulgazzjoni illegali bil-kitba jew b'xi mod elettroniku, ma setax jikkonkludi li kien hemm ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data. Żied jgħid li anki li kieku ġie stabbilit li l-appellant żvela din l-informazzjoni b'telefonata jew bil-fomm, xorta ma kienx hemm ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, għaliex minkejja li seta' jitqies li kien hemm ksur tal-obbligu tal-kunfidenzjalità, mhux neċessarjament li dan kien jammonta għal ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, ladarba ma nżammx *record* li din l-informazzjoni ġiet ipproċessata b'mod elettroniku jew manwali. Il-Kummissarju kkonkluda wkoll li tali informazzjoni trid tkun tifforma parti minn sistema ta' *filing* kif mfissra bl-artikolu 3 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju, għaliex fil-fehma tiegħu teżisti illegalità materjali, u d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat ittieħdet abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Ir-rikorrent qal li l-artikolu 3 tal-Kap. 440 jipprovdi għall-ipproċessar bi kwalunkwe mod ta' data personali, li tiġi pproċessata anki b'mezzi li mhumiex awtomatizzati, meta tali data personali tkun maħsuba biex tifforma parti minn sistema ta' *filing.* Ir-rikorrent qal, li kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-Kummissarju, ma jeżistix ir-rekwiżit li jkun hemm *record* tal-informazzjoni li ġiet ipproċessata bil-kitba jew b'mod elettroniku sabiex jiġi applikat l-artikolu 3. Qal li huwa meħtieġ biss li jiġi ppruvat li sar ipproċessar ta' data personali bi kwalunkwe mod, li minn tal-inqas kienet maħsuba biex tifforma parti minn sistema ta' *filing.* Kompla jgħid li ladarba ma jeżisti l-ebda dubju li data personali relatata mas-sospensjoni u r-

reġistrazzjoni ta' *grievance* interna hija maħsuba biex tifforma parti mis-sistema ta' *filing* tal-bank appellant, kemm jekk issir b'mezz awtomatiku, kemm jekk le, ifisser li ġie ppruvat li jekk sar ipproċessar ta' data personali bil-fomm, jew b'telefonata, xorta waħda jkun sar ksur tal-liġi li jimmerita li jiġi ssanzjonat. Ir-rikorrent fl-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, sostna li l-Kummissarju intimat naqas meta għażel li ma jikkonsidrax ix-xhieda prodotti mir-rikorrent sabiex jipprova l-allegazzjoni tiegħu. Qal ukoll li l-Kummissarju naqas meta injora l-evidenza dwar l-aġir irregolari bejn il-bank u l-*MUBE,* li ġiet imressqa quddiemu. Ir-rikorrent qal li kien hemm biżżejjed provi ċirkostanzjali sabiex jiġi ppruvat li kien hemm ksur tal-liġi skont l-artikoli 3 u 12 tal-Kap. 440. Qal ukoll li kien il-President tal-*MUBE* stess li permezz ta' *email* li bagħat lil diversi persuni, stqarr li uffiċjali mid-dipartiment tar-riżorsi umani qalulu li membru tal-*union* kien ġie sospiż wara li rreġistra *grievance* intern. Ir-rikorrent qal li l-fatt li f'dak il-mument ma kien hemm l-ebda impjegat ieħor tal-bank li kien għadu kif ġie sospiż ħliefu, ifisser li l-bank, anki jekk b'mod indirett, kixef l-identità tiegħu, flimkien mal-fatt li huwa kien ġie sospiż wara li rreġistra *grievance* interna. Qal ukoll li dan ifisser li b'xi mod jew ieħor, ġiet ipproċessata data personali sensittiva mill-bank appellant b'mod illegali. Qal li l-artikolu 12 tal-Kap. 440 ma jippermettix li data personali sensittiva tiġi pproċessata mingħajr il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data, ċjoé ir-rikorrent. Żied jgħid li huwa kien informa lill-Kummissarju li wara li ntbagħtet l-*email* mill-President tal-*MUBE* William Portelli, dan tal-aħħar kien ċempillu u beda jitkellem ma' terzi dwar is-sitwazzjoni tiegħu, u hu kien f'pożizzjoni li jipprova dan kollu li kieku l-Kummissarju aċċetta li jisma' x-xhieda li kellu jressaq ir-rikorrent. Żied jgħid li mis-sottomissjonijiet li ġew imressqa waqt l-

investigazzjoni mill-bank appellant u mill-*MUBE,* għandu joħroġ ċar li dawn kienu jeżerċitaw prassi illegali bi ksur tal-artikoli 3 u 12 tal-Kap. 440, għaliex f'każ ta' sospensjoni ta' impjegat, il-bank appellant qatt ma' seta' jgħaddi informazzjoni lill-*MUBE* fuqu personali, taħt il-pretest għax huwa kien membru tagħha. Ir-rikorrent żied jgħid li l-bank appellant mhux suppost jagħti jew jiġbor informazzjoni dwar liema *union* jiffurmaw parti minnha l-impjegati tiegħu, jew jekk dawn għażlux li wara kollox ma jiffurmaw parti mill-ebda *union.* Qal li biex il-bank appellant ikun jaf din l-informazzjoni b'mod leġittimu, irid ikun ġie mgħarraf b'dan mill-impjegat tiegħu stess, li jkun ta l-kunsens tiegħu lill-bank appellant għall-ipproċessar ta' din l-informazzjoni. Ir-rikorrent qal ukoll li qabel ma l-*MUBE* titlob informazzjoni lill-bank appellant dwar ċirkostanzi jew avvenimenti li jolqtu l-impjieg tal-membri tagħha, il-membri kkonċernati jridu jkunu infurmawha bil-kwistjoni tagħhom minn qabel, u jkunu talbu huma stess l-intervent tal-*union,* għaliex fin-nuqqas ta' dan, ikun ifisser li jekk tali informazzjoni tinsab fil-pussess tal-*union,* din l-informazzjoni tkun ġiet akkwistata mingħajr il-kunsens tad-*data subject,* bi ksur tal-liġi.

8. Ir-rikorrent spjega li kien għalhekk li huwa talab lit-Tribunal sabiex primarjament jikseb kopja tal-evidenza kollha ppreżentata waqt l-investigazzjoni li saret mill-Kummissarju, inkluż l-evidenza ppreżentata mil-bank appellant u mill-MUBE. Ir-rikorrent talab ukoll li jingħata aċċess għad-deċiżjonijiet passati tat-Tribunal skont l-artikolu 49(3) tal-Kap. 440, u qal li f'dan ir-rigward qiegħed jirriserva d-dritt li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri u jressaq provi oħra li jistgħu jkunu rilevanti. Ir-rikorrent talab ukoll lit-Tribunal jalloka ż-żmien meħtieġ sabiex huwa jkun jista' jressaq provi u

sottomissjonijiet ulterjuri, u finalment talab lit-Tribunal jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti, flimkien ma' ordni biex din terġa' tikkunsidra mill-ġdid l-ilment u s-sottomissjonijiet tiegħu u tasal għal deċiżjoni skont ir-riżultanzi tat-Tribunal.

Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-ftehim kollettiv għall-perijodu 2014-2018 iffirmat bejn HSBC Bank Malta plc u l-MUBE, kopji ta' diversi *emails* u korrispondenza li għaddew bejn il-partijiet, kif ukoll kopja tad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet **Jan Sammut *vs.* HSBC Bank Malta plc.**

9. Il-Kummissarju intimat laqa' għall-appell tar-rikorrent, billi qal li d-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru, 2016 tiġbor fiha l-eżitu u l-fatti stabbiliti fl-investigazzjoni, u minkejja li r-rikorrent kien intalab minnu jippreżenta evidenza tanġibbli in sostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu, huwa naqas milli jagħmel dan. Il-Kummissarju intimat qal li apparti d-dokumenti ppreżentati minnu, fil-*file* tal-ilment m'hemm l-ebda dokumenti oħra li jistgħu jgħinu lit-Tribunal fl-evalwazzjoni tal-każ odjern, u dan minħabba n-nuqqas ta' evidenza li tirriżulta mill-investigazzjoni nnifisha. Il-Kummissarju intimat żied jgħid li fil-fehma tiegħu t-talba tar-rikorrent m'għandhiex tiġi milqugħa, għaliex jekk ikun hemm aċċess għas-sottomissjonijiet, dokumentazzjoni, evidenza jew informazzjoni oħra simili miksuba minnu matul xi investigazzjonijiet uffiċjali, mill-parti li tressaq l-ilment, jista' jagħti l-każ li jkun hemm effett ħażin fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operat tiegħu bħala Kummissarju f'każijiet futuri, billi jinħoloq preġudizzju għall-provvista futura ta' informazzjoni lilu

f'każijiet simili. Qal li jekk ir-rikorrent jingħata aċċess għall-informazzjoni li qiegħed jitlob, il-kontrolluri tad-data u l-awtoritajiet pubbliċi suġġetti għall-investigazzjoni, jistgħu jibdew joqogħdu lura milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa meta din tiġi mitluba mill-Kummissarju fil-kors tal-investigazzjonijiet tiegħu. B'riferiment għat-tieni talba tar-rikorrent, il-Kummissarju intimat spjega li l-akkoljiment ta' din it-talba ma jaqax fil-kompetenza tiegħu, u l-artikolu 49(3) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data jipprovdi illi huwa t-Tribunal li għandu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjonijiet tiegħu.

10. Ir-rikorrent għamel sottomissjonijiet ulterjuri quddiem it-Tribunal, fejn qal li d-dokumenti mitluba minnu ma jaqgħu taħt l-ebda wieħed mid-dokumenti kkontemplati mil-liġi sabiex talba bħal din tkun tista' tiġi miċħuda. Qal li għalhekk ir-rifjut tal-Kummissarju intimat biex jesebixxi dawn id-dokumenti mhuwiex ġustifikat fil-liġi, anzi jmur kontra l-prinċipju ta' trasparenza u ġustizzja, għaliex dokumenti u *files* tal-awtoritajiet għandhom ikunu aċċessibbli għal kull min għandu interess fihom. Qal li dan ir-rifjut tal-Kummissarju jammonta għal ksur tal-prinċipju ta' smigħ xieraq kif protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Kummissarju intimat bħala awtorità pubblika kellu l-obbligu li jaderixxi u li jirrispetta l-prinċipju tal-*equality of arms* u t-trasparenza amministrattiva. Spjega li f'dan il-każ il-Kummissarju intimat kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-*file* kollu tar-rikorrent u għalhekk seta' jagħżel hu liema huma d-dokumenti rilevanti għal dan il-ġudizzju, filwaqt li poġġa lir-rikorrent fi żvantaġġ.

11. Il-Kummissarju intimat, permezz ta' nota ppreżentata quddiem it-Tribunal, spjega li minkejja li huwa talab lir-rikorrent jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu, huwa naqas milli jagħmel dan bil-fatti. Qal li huwa kellu bżonn evidenza fattwali u tanġibbli li l-allegat żvelar ta' informazzjoni dwar ir-rikorrent seħħ tabilħaqq, u f'dan il-każ, wara li huwa evalwa l-informazzjoni pprovduta mir-rikorrent, kif ukoll is-sottomissjonijiet li saru mill-bank appellant u mill-MUBE, u wara li spezzjona l-*file* ikkonċernat, huwa ma sab l-ebda evidenza fattwali sabiex jimponi piena amministrattiva minħabba f'dan il-ksur ta' liġi. Il-Kummissarju intimat żied jgħid li f'dan il-każ ma kienx hemm provi biżżejjed biex jiddetermina li sar xi ipproċessar b'mod illeċitu, u minkejja li lilu rriżultalu li jeżisti *file* b'data personali dwar ir-rikorrent u l-każ tiegħu mal-bank intimat, ma sab l-ebda evidenza ta' xi proċessar ulterjuri bħal żvelar jew trasmissjoni ta' data personali relatata ma' dan il-*file.* Il-Kummissarju appellat żied jgħid li r-rikorrent qiegħed jinterpreta l-komunikazzjoni li saret bit-*telephone* bħala xi forma ta' komunikazzjoni elettronika, imma qal li teżisti differenza bejn id-dettall li jiżamm dwar il-*call log* u l-kontenut tat-telefonata nnifisha. Qal li minkejja li d-dettalji dwar il-*call log* huma *data* personali, dawn ma jiżvelaw xejn dwar dak li jkun ġie diskuss fit-telefonata. Il-Kummissarju appellat qal ukoll li dak li qiegħed jallega r-rikorrent meta jinvoka l-artikolu 12 tal-Att u jgħid li sar xi ipproċessar illeċitu ta' *data* personali sensittiva bejn il-bank appellant u l-*MUBE,* mhuwiex minnu stante li lilu ma rriżultalux dan mill-ispezzjoni tal-*file* dwar il-każ, u ma sab li nħarġet l-ebda *data* personali jew *data* personali sensittiva bejn l-HSBC u l-MUBE. Qal li anki jekk jirriżulta li kien hemm xi skambju informali bejn l-HSBC u l-MUBE, dan l-iskambju ma jinkwadrax ruħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att.

12. It-Tribunal ta deċiżjoni *in parte* fl-24 ta' Ottubru, 2017, dwar l-ewwel talba tar-rikorrent, li talab li jingħata kopja tal-evidenza kollha sottomessa għall-investigazzjoni mill-Kummissarju intimat, kif ukoll talab li jingħata aċċess għal deċiżjonijiet passati tat-Tribunal. Fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal iddeċieda fis-sens li r-rikorrent għandu jingħata kopja tad-deċiżjonijiet passati tat-Tribunal, għalkemm żied li l-ismijiet tal-persuni involuti għandhom jitħallew barra għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, filwaqt li ċaħad it-talba tar-rikorrent sabiex tiġi esebita kopja tal-evidenza kollha li nġabet għall-attenzjoni tal-Kummissarju intimat. Żied jgħid li r-rikorrent għandu jingħata l-opportunità li jħarrek ix-xhieda li għandu bżonn sabiex jissostanzja l-aggravji tiegħu.

13. Ir-rikorrent **Jan Sammut** fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa ilu impjegat mal-bank appellant u mal-predeċessur tiegħu għal 27 sena, u tul dan il-perijodu huwa okkupa diversi karigi fl-istess bank. Qal li fl-aħħar pożizzjoni li kellu sakemm irtira fil-31 ta' Marzu, 2016, huwa kien imexxi d-Dipartiment tat-*Trusts* u Servizzi Fiduċjarji fi ħdan l-istess bank, peress li huwa reġistrat bħala *trust and estate practitioner* u huwa liċenzjat sabiex jipprattika fil-qasam tat-*trusts* mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Qal li huwa wkoll membru tal-Istitut Malti għat-Tassazzjoni u huwa reġistrat bħala *tax practitioner* mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Qal li biex persuna tkun tista' taħdem fil-qasam tas-servizzi fiduċjarji, ma jrid ikun hemm l-ebda ombra fuq l-integrità u r-reputazzjoni tiegħu. Spjega li meta Andrew Beane mill-bank appellant informa lil William Portelli tal-MUBE, li huwa kien ġie sospiż mix-xogħol, din l-informazzjoni ġiet diskussa fil-kumitat tal-MUBE, fejn ikun hemm uffiċjali ta' banek oħrajn. Qal li din l-informazzjoni bdiet timxi, tant hu hekk li

huwa rċieva diversi telefonati minn uffiċjali ta' banek lokali oħra sabiex jistaqsuh x'kien qiegħed jiġri. Qal ukoll li din l-informazzjoni li nkixfet mill-bank appellant tat lok għal ħafna spekulazzjoni, u huwa beda jirċievi telefonati mingħand professjonisti oħra f'dan il-qasam sabiex jistaqsuh hux minnu li hu kien ġie arrestat, jew li kien ħarab mill-pajjiż. Ir-rikorrent spjega li fil-kapaċità tiegħu ta' *trustee* mal-bank intimat, huwa kien imexxi portafoll ta' madwar nofs biljun Euro f'assi ta' kull xorta mifruxa fuq mijiet ta' *trusts* u strutturi fiduċjarji oħra, u għalhekk kellu relazzjoni professjonali ma' ħafna entitajiet u professjonisti f'diversi pajjiżi. Qal li l-ksur tad-drittijiet tiegħu għall-protezzjoni tad-data, ikkawżalu dannu kbir fi professjoni fejn il-fiduċja u r-reputazzjoni huma sagrosanti. Qal li kienet din ir-raġuni għalfejn huwa għażel li jkun rappreżentat minn kollega tiegħu fl-istess bank minflok uffiċjal tal-MUBE, ħalli ma jkunx hemm riskju li l-informazzjoni toħroġ barra mill-bank. Ir-rikorrent qal li huwa fl-ebda ħin ma ta l-kunsens tiegħu biex il-bank appellant jikkomunika jew jagħti xi informazzjoni dwar il-każ tiegħu lill-MUBE, u huwa kien saħansitra talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-bank appellant ma jkunx jista' jiddivulga xi allegazzjoni dwaru ma' terzi. Ir-rikorrent qal li kemm Andrew Beane, kif ukoll William Portelli, xehdu li minn dejjem kien hemm djalogu miftuħ u armonjuż bejn il-bank appellant u l-MUBE fir-rigward ta' skemi ta' rtirar volontarju għall-impjegati kollha tal-bank, u għalhekk kienet xi ħaġa naturali li l-bank appellant javża lill-MUBE li r-rikorrent kien ġie sospiż u li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet ġiet imwaqqfa. Ir-rikorrent qal li però dan mhux minnu, u l-istampa li qiegħda tingħata mill-bank appellant ma tirriflettix il-verità, u kien hemm diversi istanzi fejn il-bank appellant kien ħa deċiżjonijiet li jaffettwaw mijiet ta' ħaddiema u naqas milli jinforma bihom lill-

MUBE. Qal li fl-istess sena li fiha huwa kien ġie sospiż, l-MUBE kienet ħarġet ċirkolarijiet fejn ikkundannat l-aġir tal-bank appellant meta dan ħareġ skemi ta' rtirar volontarji mingħajr ftehim mal-*MUBE,* bi ksur tal-ftehim kollettiv u tal-liġi industrijali. Qal li dan ifisser li l-bank appellant injora lill-MUBE fi kwistjoni kollettiva dwar l-iskemi ta' rtirar volontarju, imma ħass il-bżonn li jinforma lill-*MUBE* bid-deċiżjoni li kien ħa fil-konfront tiegħu dwar kuntratt privat, personali u kunfidenzjali, mingħajr mal-bank appellant kien jaf jekk huwa kienx membru tal-*MUBE* jew le. Qal li huwa qatt ma żvela mal-bank appellant li huwa kien membru tal-MUBE, u fiż-żmien kollu li kien ilu membru, huwa qatt ma talab jew ingħata xi għajnuna mill-*MUBE.* Qal li meta uffiċjali fid-dipartiment li kien imexxi hu, ġew mgħarrfa li r-rwol tagħhom kien ser jispiċċa għaliex id-dipartiment tagħhom kien ser jingħalaq, huwa kien organizzalhom laqgħa mal-president tal-MUBE, fuq talba tagħhom stess, sabiex dan jispjegalhom x'seta' jiġri u jispjegalhom id-drittijiet tagħhom taħt il-ftehim kollettiv. Qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa qatt ma applika sabiex jirtira kmieni b'mod volontarju, iżda kien innegozja ftehim personali, privat u kunfidenzjali mal-bank appellant. Qal li waħda mill-kundizzjonijiet tal-ftehim kienet tgħid li huwa kellu jibqa' jaħdem mal-bank sakemm "... *all the trust business that may be exited has effectively been exited".* Qal li meta wasal iż-żmien sabiex huwa jieqaf jaħdem, il-bank appellant kiser il-kuntratt li kellu miegħu, u infurmah li ma setax jitħalla jitlaq mill-impjieg għaliex ma kienx instab uffiċjal ieħor biex jissostitwih. Qal li huwa oġġezzjona u beda proċeduri ta' *internal grievance* skont il-Ftehim Kollettiv, u l-għada stess huwa ġie sospiż bi skuża ta' investigazzjoni mibdija fuq fatti ineżistenti u allegazzjonijiet li huwa jgħid li kienu mingħajr bażi. Ir-rikorrent allega li fl-2016, il-bank appellant beda

kampanja aggressiva biex jixħet it-tajn fuqu u jqanqal dubji fuq l-integrità u l-professjonalità tiegħu, bil-ħsieb li jaħbi n-nuqqasijiet li kien wettaq fis-settur fiduċjarju u sabiex ibiegħed ir-rifletturi minn fuqu.

14. It-Tribunal sema' diversi xhieda oħra, fosthom **Claude Cremona Degabriele**, *Premier Relationship Manager* tal-bank intimat, **David Perotti**, *Head of Employee Relations* tal-bank intimat, **William Portelli**, President tal-MUBE, u **Andrew Beane**, CEO tal-bank appellant. **Claude Cremona Degabriele** spjega li huwa kien ilu involut fl-MUBE mill-2016. Qal li lir-rikorrent kien jafu fuq ix-xogħol. Qal li William Portelli, il-President tal-*MUBE* kien bagħat *email,* li huwa ġie kkuppjat fiha, fejn intqal hekk,

> *"In fact, Human Resources confirmed that a member of the union has been 'suspended' following the filing of a grievance which is rather strange as MUBE did not need to file grievance when presented with a similar situation in the past few weeks."*

Qal ukoll li meta ddiskuta l-kontenut ta' din l-*email* mal-President tal-*MUBE,* dan kien qallu li l-każ inkwistjoni kien jikkonċerna lil Jan Sammut, li kien għażel li jkun rappreżentat minn Mark Muscat minflok avviċina lill-*MUBE.* Żied jgħid li Jan Sammut issemma b'ismu.

15. **David Perotti** spjega li fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, huwa kien responsabbli mill-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt it-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-bank, u żied jgħid li huwa familjari mal-każ tar-rikorrent, għalkemm mhux mad-dettalji. Qal li l-impjegati tal-bank ikollhom *file* personali dwarhom, iżda korrispondenza marbuta ma' xi tip ta' investigazzjoni li ssir fuq l-impjegat

ma tiddaħħalx fil-*file.* Qal ukoll li f'każ ta' *grievance,* id-dokumentazzjoni titpoġġa f'*file* għaliha. Qal li huwa m'għadda l-ebda informazzjoni personali dwar ir-rikorrent lill-MUBE, u li r-rikorrent ġie sospiż mill-impjieg għaliex kienet għaddejja investigazzjoni serja dwaru. Żied jgħid li teżisti l-prassi li meta l-persuna sospiża tkun fi grad klerikali jew maniġerali, l-*MUBE* tiġi infurmata. Qal li f'dan il-każ ma kienx hu li informa lill-*MUBE*, iżda kien jaf li l-*MUBE* ġiet infurmata bl-investigazzjoni u bis-sospensjoni li kienet qiegħda ssir fir-rigward tar-rikorrent. Qal ukoll li huwa m'għandux informazzjoni dwar min huwa membru tal-*MUBE* u min le, u f'dan il-każ l-*MUBE* ġiet mgħarrfa bil-każ tar-rikorrent għaliex hija l-*union* li tirrappreżenta l-ħaddiema fil-grad li kien fih ir-rikorrent. Żied jgħid li l-ftehim kollettiv ma jgħidx li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-*MUBE* għandha tkun infurmata, imma din hija l-prassi.

16. **William Portelli**, President tal-MUBE xehed li huwa jiftakar li r-rikorrent kien membru tal-*MUBE* u kien hemm drabi meta huwa assistih ukoll. Qal li fil-bank kien hemm prattika fis-seħħ li meta ħaddiem jiġi sospiż mill-impjieg, bħala prassi l-*MUBE* tiġi infurmata, anki jekk mhux neċessarjament din tingħata l-informazzjoni kollha. Qal ukoll li lilu kien kellmu s-CEO tal-bank dwar din is-sospensjoni, għaliex din hija proċedura normali. Qal li f'dan il-każ, is-CEO tal-bank kien infurmah li kien hemm problema biex ir-rikorrent jingħata l-*early retirement,* minħabba xi *issues* li ried jinvestiga. Qal li s-CEO tal-bank appellant lilu la qallu x'inhi l-*grievance* u lanqas min kien qiegħed jirrappreżenta lir-rikorrent fil-*grievance.* Qal li kienet intbagħtet l-*email, għaliex il-MUBE* ma setgħetx tkun f'sitwazzjoni fejn uffiċjal tagħha jirrappreżenta membru tal-*MUBE* f'ismu personali u mhux fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal tal-*MUBE.*

17. Is-CEO tal-bank appellant **Andrew Beane**, xehed li l-allegazzjonijiet li qiegħed jiffaċċja r-rikorrent huma fost l-aktar akkużi serji li jista' jiffaċċja impjegat. Qal li huwa familjari mal-investigazzjoni li kienet qiegħda ssir dwar ir-rikorrent. Ix-xhud qal li meta impjegat jiġi sospiż, bħala prattika l-bank appellant jieħu ħsieb jinforma lill-*MUBE* li impjegat ġie sospiż, għalkemm ir-raġunijiet għas-sospensjoni qatt ma jiġu żvelati.

## Id-Deċiżjoni Appellata

18. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Frar, 2019, it-Tribunal għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra***

*Li fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2017, il-Kummissarju iritra l-eċċezzjoni tan-nullità eċċepita fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 wara li l-appell ta' Sammut ġie ffirmat.*

*Dwar l-ewwel talba;*

*Dan it-Tribunal kien iddeċieda permezz ta' deċiżjoni in parte tal-24 ta' Ottubru, 2017 li l-appellanti għandu jkollu aċċess għad-deċiżjonijiet mogħtija minn dan it-Tribunal iżda ċaħad it-talba tal-appellanti sabiex tiġi esebita kopja tal-evidenza kollha li ġiet sollevata waqt l-investigazzjoni li saret mill-Kummissarju inkluż sottomissjonijiet tal-HSBC u tal-MUBE u ordna l-prosegwiment ta' dan l-appell.*

*Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018 dan it-Tribunal laqa' t-talba tal-HSBC (Malta) sabiex jintervjeni f'dawn il-proċeduri* in statu et terminis*.*

*Dwar il-provi prodotti:*

*Illi l-impjieg ta' Sammut huwa regolat bil-*Collective Agreement *għall-perijodu 2014-2018* for the Clerical and Managerial categories between HSBC Bank Malta plc and Malta Union of Bank Employees. *Illi proċeduri ta' dixxiplina msemmija fl-istess ftehim kollettiv jirrigwardaw kollha x'għandu jagħmel l-impjegat u mhux x'għandu jagħmel l-*employer*.*

*L-ilment ta' Sammut huwa dwar email tal-11 ta' April, 2016 mibgħuta mill-President tal-MUBE lil xi għaxra min-nies li tgħid fost oħrajn: "*On the Administrative pending issues, I remind all that MUBE had no other option but to wait for Gareth Williams (new Head of HR) who in effect has officially started today. In fact, Human Resources confirmed that a member of the union has been suspended following the filing of a grievance which is rather strange as MUBE did not need to file grievance when presented with a similar situation in the past few weeks."

***Claude Cremona Degabriele, Premier Relations Manager mal-HSBC** (seduta 9.11.2017) xehed li huwa ilu involut mal-MUBE sa minn Mejju 2016 u li jaf bl-email tal-11 ta' April, 2016. Fl-14 tax-xahar kellhom laqgħa mal-Kunsill u meta staqsa lil William Portelli huwa qallu li kienet fuq Jan Sammut u li Jan Sammut kien għażel li jirrappreżentah Mark Muscat minflok il-union. Portelli ma qallhomx kif ġraw l-affarijiet. In kontro-eżami huwa kkonferma li a voce Portelli tahom aktar informazzjoni u dettalji.*

***David Perotti, Head of Employee Relations mal-HSBC plc** (seduta 14.6.2018) xehed li meta ġara l-każ huwa kien responsabbli għall-issues kollha li għandhom x'jaqsmu mal-HR fl-area li kien jaħdem fiha Sammut u li huwa familjari mal-każ ta' Sammut. Huwa ma għandux aċċess għal korrispondenza bejn il-bank u l-Kummissarju għax din titmexxa minn regulatory compliance li dak iż-żmien kien Anthony Abela li kien qiegħed* on long term leave. *Meta jkun hemm grievance din titmexxa mir-regulatory compliance. Huwa xehed li ma għadda ebda informazzjoni dwar Sammut lill-MUBE. Sammut kien ġie sospiż fuq investigazzjoni pjuttost serja. Huwa spjega li l-prassi hija li meta jiġi sospiż persuna li jkun fil-kategoriji klerikali jew maniġerjali peress li dawn huma rappreżentati mill-MUBE huwa prassi li l-bank javża lill-President tal-MUBE li se jissospendu persuna biex ikunu infurmati. Huwa jaf li l-bank għamel kuntatt mal-MUBE biex jinforma li kienet għaddejja investigazzjoni u li dan ġie sospiż. Meta huma avżaw lil MUBE huma għamlu dan mhux abbażi li kien membnru imma abbażi tal-fatt li kien impjegat f'kategorija li tagħha hi responsabbli l-MUBE irrispettivament minn jekk kienx membru jew le. Huwa jammetti li l-*collective agreement *ma jgħidx dan iżda din hi l-prassi.*

***William Portelli** President tal-MUBE (seduta 27.9.2018) li jinsab* seconded *mill-HSBC għal mal-MUBE xehed li jiftakar lil Jan Sammut meta kien membru tal-union u assistieh ukoll. Meta ġie sospiż fis-sena 2015 u dwar l-email li bagħat lill-membri tal-MUBE u lill-*general secretary *huwa spjega li ilha* practice *għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena fuq insistenza tal-MUBE ukoll li jekk ikun hemm* suspension *li tista' tkun possibbli l-union billi jkun membru fil-kategorija tagħha tiġi avżata imma mhux*

*bilfors jingħata d-dettalji kollha. Huwa kkonferma li kien kellmu s-CEO tal-Bank fuq is-sospensjoni billi hija proċedura normali u infurmah li Jan Sammut jista' jkun jiġi sospiż minħabba li kellhom l-*early retirement *u l-MUBE kienet qed tinnegozja l-*early retirement *u jekk ma jitħallasx xi ħadd jew iwaqqfulu l-MUBE riedet tkun taf għala. Is-CEO qallu li hemm problema biex jagħtu l-*early retirement *lil Jan Sammut u meta staqsieh għaliex is-CEO qallu li hemm issues li jrid jara. X'inhi l-grievance is-CEO ma kellux u lanqas min qed jirrappreżenta lil Sammut fil-grievance.*

*In kontro-eżami Portelli xehed li l-bank ma għaddielu ebda informazzjoni verbali dwar dak il-mument u li xtaq aktar informazzjoni mill-bank iżda ma għaddielux; li Sammut kien membru tal-MUBE.*

*Portelli ppreżenta emails tat-23 ta' Awwissu, 2016, 22 ta' Awwissu, 2016, 4 ta' Lulju, 2016 u 2 ta' Lulju, 2016 u l-1 ta' Lulju, 2016 li huma korrispondenza bejn l-MUBE u David Cauchi mill-uffiċċju tal-Kummissarju appellant u li għajr dawn l-emails ma għandux korrispondenza mal-bank.*

*Fl-istess seduta tas-27 ta' Settembru, 2018 xehed* ***Andrew Beane, CEO mal-HSBC (Malta) plc*** *li ammetta li bħala rutina l-bank jinforma lill-union li impjegat tal-bank ġie sospiż iżda ma jipprovdix ir-raġunijiet għala ġie sospiż. Huwa jgħid li jista' jkun li f'waħda mil-laqgħat li jkollu mal-union ikun semma li xi impjegat kien ġie sospiż iżda ma jiftakarx id-dettalji ta' tali laqgħa. Però huwa jgħid li s-sustanza l-konversazzjoni tiegħu ma' William Portelli kienet li impjegat ġie sospiż.*

*Fl-istess seduta xehdet* ***Caroline Buhagiar Klass Head HR*** *mal-istess bank li ppreżentat il-collective agreement u l-HR manual.*

*Ra d-data protection policy tal-istess bank ippreżentat mill-istess bank.*

*Xehed* ***David Cauchi Head Compliance mal-Kummissarju appellat*** *(Seduta 1.11.2018) li ppreżenta l-korrispondenza li għaddiet bejn l-uffiċċju tal-Kummissarju u l-HSBC u xehed li l-aktar li kellhom kuntatt min-naħa tal-HSBC kien ma' Anthony Abela. Skont hu mid-dokumenti li raw qatt ma kien hemm informazzjoni waħda li żvelat xi data dwar Sammut li biha huma setgħu jinkriminaw lill-HSBC. Mistoqsi jekk il-korrispondenza tal-appellanti kinitx tgħid li Claude Cremona Degabriele kien ser jikkonferma li kien informat li Sammut kien Sammut u li kien għamel* grievance *u li kien qed jiġi rappreżentat minn Mark Muscat, Cauchi wieġeb li jista' jkun li kien hemm xi korrispondenza fir-rigward però skont hu din ma kienet ser iżżid xejn mal-fatti għax li kien jaf li Jan Sammut għandu* grievance *u li din l-informazzjoni ingħatat* a voce *xorta waħda ma għandhiex evidenza tanġibbli għall-każ. Ma sab l-ebda rekord manwali jew elettroniku kif intiż taħt il-protezzjoni tad-data u li jekk mhux*

*tiġi rekordjat f'sistema għal Kummissarju ma taqax taħt* personal data*. Huwa kkonferma li l-bank qallu li Jan Sammut kien sospiż.*

***Fl-affidavit tiegħu l-appellanti Jan Sammut** (seduta 1.11.2018) jgħid li huwa fl-ebda ħin ma ta l-kunsens tiegħu biex il-bank jikkomunika jew jagħti informazzjoni dwar il-każ tiegħu lill-MUBE. Li huwa qatt ma żvela lill-Bank li huwa kien membru tal-MUBE u ċaħad li William Portelli qatt assistih bħala MUBE u l-unika darba li kellem lil Portelli kien biex ikellem lit-tim tiegħu u jserrħilhom rashom li ma kinux ser jibqgħu bla xogħol.*

*Fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2018 reġa' xehed David Cauchi li meta ċċekkja sab komunikazzjoni waħda li saret ma' William Portelli u din hija risposta tat-12 ta' Awwissu, 2016 fejn Portelli irrisponda għall-ewwel talba tal-uffiċċju tagħhom għal talba ta' sottomissjonijiet. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2018 il-partijiet iddikjaraw li ma għandhomx aktar povi u ttrattaw l-appell.*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.*

***<u>Ikkunsidra ulterjorment:</u>***

*Li l-punt kardinali f'dan l-appell huwa jekk:*

*(a) Il-bank HSBC (Malta) plc kien ġustifikat jgħaddi informazzjoni lil MUBE anke bil-fomm dwar prassi li teżisti bejn il-bank u l-union li meta jiġi sospiż persuna li jkun fil-kategoriji klerikali jew maniġerjali l-bank javża lill-President tal-MUBE li se jissospendi persuna biex ikunu infurmati u*

*(b) Jekk tali informazzjoni stante li ma saritx bil-miktub ma taqax taħt il-protezzjoni tad-data u li jekk ma tiġix rekordjata f'sistema, skont il-Kummissarju appellat din ma taqax taħt personal data ai fini tal-Kap. 440 li fil-frattemp kien ġie sostitwit bil-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie fis-seħħ fis-26 ta' Mejju, 2018.*

*Illi dwar il-provi jirriżulta ċar mix-xhieda ta' David Perotti il-Head of Employee Relations mal-HSBC (Malta) plc fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Ġunju, 2018 li l-Bank informa lill-MUBE li Jan Sammut kien sospiż kif dejjem kienet il-prassi bejn il-Bank u l-union għal diversi snin u dan minħabba li Sammut kien impjegat f'kategorija li tagħha hi responsabbli l-MUBE irrispettivament milli jekk kienx membru jew le.*

*Jonqos għalhekk jiġi stabbilit jekk tali komunikazzjoni anke jekk issir bil-fomm taqax taħt it-tifsira ta' personal data ai fini tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta li kien fis-seħħ meta ġara l-akkadut.*

*L-<u>artiklu 2 tal-Kap. 440</u> kien jiddefinixxi <u>data personali</u> bħala kull informazzjoni li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli: persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari riferenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal xi fattur jew iktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha.*

*Li l-Bank javża lil Union li impjegat tal-bank f'dan il-każ Jan Sammut ġie sospiż b'dan l-aġir huwa għadda data personali dwar Jan Sammut mingħajr il-kunsens tiegħu.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll li Sammut qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan l-iżvelar.*

*L-artikolu 2 jiddefinixxi '<u>proċessar</u>' u '<u>proċessar ta' data personali</u>' 'bħala kull tħaddim jew set ta' operazzjonijiet li jsiru dwar data personali jekk dan jiġri b'mezzi awtomatiċi sew jekk le, u tinkludi l-kollezzjoni, ir-rekordjar, l-organizzazzjoni, il-ħżin, l-adattament, il-bdil, l-irkuprar, il-ġbir, l-użu, il-kxif permezz ta' trażmissjoni, it-tixrid jew l-għemil xort'oħra ta' informazzjoni disponibbli, l-allinjament jew il-kumbinazzjoni, l-imblokkar, il-kanċellament jew il-qerda ta' tali data.'*

*Riċevent skont l-artikolu 2 tfisser persuna li lilha jiġu pprovduti data personali; f'dan il-każ ir-riċevent kien l-MUBE. Kif ukoll skont l-istess artikolu li tagħti informazzjoni kemm b'mezzi awtomatiċi sew jekk le, dan ukoll jaqa' taħt id-definizzjoni ta'* 'processing of personal data'.

*L-<u>artikolu 3 tal-Kap. 440</u> kien jgħid hekk: Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali, għal kollox jew f'parti minnhom, b'mezzi awtomatizzati u għal dak l-ipproċessar li ma jsirx b'mezzi awtomatizzati meta tali data personali jkunu jagħmlu parti minn sistema ta'* filing *jew ikunu maħsuba biex jagħmlu parti minn sistema ta'* filing*.*

*Vera li fl-email esebita ċioe dik tal-11 ta' April, 2016 mibgħuta mill-President tal-MUBE lil xi għaxra min-nies li tgħid fost oħrajn ma hemmx imniżżel isem Jan Sammut: "*On the Administrative pending issues, I remind all that the MUBE had no other option but to wait for Gareth Williams (new Head of HR) who in effect has officially started today. In fact, Human Resources confirmed that a member of the union has been suspended following the filing of a grievance which is rather strange as MUBE did not need to file grievance when presented with similar situation in the past few weeks."

*Iżda minn l-istess email ċioe li Human Resources confirmed that a member of the union has been suspended u x-xhieda ta' David Perotti il-Head of Employee Relations mal-HSBC (Malta) plc fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Ġunju, 2018 li kien il-Bank li*

*informa lill-MUBE li Jan Sammut kien sospiż kif kienet dejjem il-prassi bejn il-bank u l-Union għal diversi snin, dan jikkonvinċi lil dan it-Tribunal mingħajr ebda dubju li din l-email kienet qed tirreferi għal Jan Sammut u "*subject was easily identifiable under the circumstances. The fact that the applicant was not named did not protect her anonimity." *U dan kif irriteniet il-Qorti tal-Unjoni Ewropea fil-każ* ***T-259/03 Nikolau v Commission deċiż fit-12 ta' Settembru, 2007. Para. 222.***

*Illi tali informazzjoni skont dan it-Tribunal taqa' taħt id-definizzjoni ta'* 'informazzjoni sensittiva' ai termini *tal-artikolu 12 tal-Kap. 440 tenut kont li mill-provi jirriżulta li l-bank kien informa lill-MUBE li Jan Sammut kien sospiż u tali informazzjoni hija informazzjoni sensittiva li ngħatat mingħajr il-kunsens ta' Sammut;*

*Li l-artikolu 34(2) tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li l-Kap. 440 għandu jibqa' fis-seħħ għall-finijiet ta' kull att, azzjoni jew proċedura meħuda fir-rigward ta' xi ksur tal-Att imħassar li ġraw jew inbdew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;*

***Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-appell ta' Jan Sammut kwantu għar-revoka tad-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tal-20 ta' Settembru, 2016 u jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tal-20 ta' Settembru, 2016 u*** **ai termini** ***tal-artikolu 49(4)(ii) tal-Kap. 440, dan it-Tribunal qed jirreferi l-kwestjoni lura lill-Kummissarju flimkien mal-ordni mogħtija f'din id-deċiżjoni biex jerġa' jikkunsidraha mill-ġdid u jasal għal deċiżjoni skont ir-riżultanzi tat-Tribunal.***

## L-Appell

19. Is-soċjetà appellanta HSBC (Malta) plc ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Marzu, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni fuq riferita mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data nhar it-tnax (12) ta' Frar, 2019 u tikkonferma bi sħiħ id-deċiżjoni oriġinali tal-Kummissarju (tal-20 ta' Settembru, 2016) bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat Jan Sammut."*

20. Il-bank appellant spjega li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għal tliet raġunijiet ewlenin. Fl-ewwel lok qal li ma kien hemm l-ebda skambju ta' data personali bejn HSBC Bank (Malta) plc u l-MUBE dwar Jan Sammut, u li kieku stess dan ġara, ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. L-appellant qal li mhux jiġi kkontestat li l-bank informa lill-MUBE li membru tal-*union* u/jew impjegat tal-bank kien ġie sospiż mill-HSBC. Qal li kienu diversi x-xhieda li fid-depożizzjoni tagħhom ikkonfermaw li teżisti din il-prassi, fosthom il-President tal-*MUBE* William Portelli. Żied jgħid li kliem ġeneriku bħal 'membru', 'individwu' u kliem ieħor ta' din ix-xorta bl-ebda mod ma jwasslu biex il-persuna kkonċernata tiġi individwata, u għalhekk dan bl-ebda mod ma jista' jitqies li jammonta għal 'data personali' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 440.[1] L-appellant qal li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda 'fattur' u lanqas 'fattur speċifiku' fir-rigward ta' Jan Sammut, sabiex b'xi mod jista' jitqies li kien hemm 'data personali'. Spjega li l-bank jimpjega mal-elf u erba' mitt ruħ hawn Malta, u għalhekk riferiment ġeneriku bħal 'impjegat' jew 'membru' jew 'individwu' mingħajr dettalji oħra, ma jistax waħdu jwassal għall-identifikazzjoni ta' xi persuna naturali. L-appellant qal li l-informazzjoni li ngħatat kienet waħda anonima, u li bl-ebda mod ma setgħet twassal biex jiġi identifikat Jan Sammut. L-appellant qal li jekk l-MUBE saret taf li l-impjegat jew il-membru inkwistjoni fil-fatt kien l-appellat, hija żgur li ma saritx taf dan permezz tal-informazzjoni anonima mgħoddija lilha mill-bank appellant. L-appellant qal li mhux huwa biss qiegħed jgħid li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda żvelar ta' informazzjoni

---

[1] L-artikolu 2 tal-Kap. 440 jagħti definizzjoni ta' 'data personali' bħala "kull informazzjoni li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli; persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'riferenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal xi fattur wieħed jew iktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha."

personali, iżda r-regolatur stess. L-appellant qal li f'dan il-każ kien jinkombi fuq l-appellat li jressaq il-prova li huwa sofra leżjoni tal-jedd kif qiegħed jallega.

21. It-tieni aggravju tal-bank appellant jgħid li anki kieku stess l-informazzjoni ġenerika jew anonima inkwistjoni tammonta għal 'data personali', din żgur li ma tammontax għal 'data personali sensittiva' skont il-liġi, u jgħid li f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet legali skorretti. Qal li l-qofol kollu tad-deċiżjoni tat-Tribunal hija fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-frażi 'informazzjoni sensittiva *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Kap. 440', għaliex l-pretensjoni tal-appellat hija li ma kienx hemm il-'kunsens' meħtieġ skont l-artikolu 12 tal-Kap. 440 f'dan ir-rigward. L-appellant qal li 'data personali sensittiva', li hija 'kategoriji speċjali ta' data personali', hija data li tiġi regolata b'mod aktar strett mil-liġi, u li tista' tiġi pproċessata biss permezz ta' xi eċċezzjoni mogħtija mil-liġi. L-appellant qal li skont l-artikolu 2 tal-Kap. 440, data personali sensittiva hija data personali li tiżvela r-razza jew l-oriġini etnika, il-fehmiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trade union, is-saħħa jew l-attività sesswali. Il-bank appellant qal li f'dan il-każ, ma ġie żvelat l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi fir-rigward ta' Jan Sammut. Qal li jista' jkun li l-appellat qiegħed jirreferi għall-informazzjoni inkwistjoni bħala informazzjoni sensittiva għaliex l-artikolu 2 tal-Kap. 440 isemmi 'sħubija fi *trade union'*, iżda li din il-kwalifika m'għandhiex tittieħed waħedha. Il-bank appellant qal li trid issir distinzjoni bejn informazzjoni li ġiet żvelata, fis-sens *'revealed'* u mhux sempliċiment *'disclosed'*, u f'dan il-każ ma ġie żvelat xejn għaliex l-informazzjoni kienet anonima u mhux 'data personali', u anki jekk din l-informazzjoni tista' titqies li

hija ‘data personali’, l-MUBE ma rċeviet ebda informazzjoni ġdida għaliex Jan Sammut kien effettivament membru tal-MUBE. Żied jgħid li f’dan il-każ William Portelli stess xehed li huwa kien assista lil Jan Sammut bħala membru fl-MUBE. Il-bank appellant żied jgħid li kieku l-informazzjoni anonima tista’ titqies bħala ‘data personali’, u mhux ‘data personali sensittiva’, il-bank kien ikollu bażi legali differenti fuq liema jistrieħ fl-ipproċessar tad-data inkwistjoni. Qal li anki dan huwa spekulattiv għaliex l-ebda data personali ma ġiet żvelata minnu f’din il-vertenza u għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi legali taħt il-Kap. 440.

22. Skont it-tielet aggravju tal-bank appellant, anki li kieku l-informazzjoni inkwistjoni tista’ b’xi mod tiġi kkunsidrata bħala ‘data personali sensittiva’, ma kien meħtieġ l-ebda kunsens mir-rikorrent, għaliex il-kunsens tal-impjegat ma jistax jintuża mill-prinċipal f’dawn iċ-ċirkostanzi. Il-bank appellant qal li mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, anki kieku stess wieħed jaċċetta illi l-informazzjoni anonima li għaddiet kienet tammonta għal ‘data personali’ jew għal ‘data personali sensittiva’, wieħed ma jistax jgħid li l-kunsens ta’ Jan Sammut kien neċessarju. L-appellant qal li l-pożizzjoni legali minn dejjem kienet li l-kunsens ta’ impjegat ma jistax jintuża bħala bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu fil-kuntest tax-xogħol u dan għaliex impjegat huwa meqjus bħala persuna vulnerabbli fil-konfront tal-prinċipal tiegħu u għalhekk ma jistax jagħti l-kunsens tiegħu b’mod liberu. L-appellant qal li fil-każ odjern, li kieku din l-informazzjoni kienet fil-fatt ‘data personali sensittiva’, il-bank kien jingħata parir legali sabiex il-kunsens ma jintużax bħala l-bażi legali għall-ipproċessar ta’ data personali sensittiva taħt l-artikolu 12 tal-Kap. 440, iżda l-kunsens kien jintalab taħt l-artikolu 13(a) tal-istess kapitolu tal-

liġi. Il-bank appellant qal li l-'kunsens' huwa biss bażi legali waħda li l-kontrollur tad-data jista' jistrieħ fuqu meta jipproċessa data personali sensittiva.

**Ir-Risposta tal-Appell**

23. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-appell tal-bank appellant, mhux biss huwa infondat, imma huwa wkoll frivolu u vessatorju, u dan għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta, motivata tajjeb u ankrata sew fuq kull aspett li tittratta. Qal li għalhekk il-bank appellant ma kellu l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex jappella minn deċiżjoni li ma tatu raġun fuq xejn. Qal li l-Kap. 440 jipprovdi għal dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal fuq punt ta' liġi biss, iżda meta dan il-Kapitolu tal-liġi ġie mħassar u sostitwit mill-Kap. 586, il-partijiet ġew mogħtija dritt ta' appell mingħajr ir-restrizzjoni espliċita li l-appell jista' jsir fuq punt ta' liġi biss. L-appellat qal li jekk dan l-appell qiegħed jinstema' *ai termini* tal-Kap. 440, jista' jkun li l-bank appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti tissindika mill-ġdid kwistjonijiet ta' fatt, għalkemm żied jgħid li anki jekk dan l-appell qiegħed jinstema' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 586, din il-Qorti xorta waħda m'għandhiex tiddisturba leġġerment id-diskrezzjoni użata fl-ewwel istanza. L-appellat qal li is-soċjetà appellanta, bl-appell tagħha mhux biss qiegħda tinqeda b'dawn il-proċeduri sabiex tiftaħ mill-ġdid argumenti dwar il-fatti tal-każ, iżda qiegħda wkoll tipprova tqajjem argumenti ġodda li qatt ma kienu tressqu quddiem it-Tribunal qabel. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-bank appellant, l-appellat qal li dan l-aggravju ma jittratta l-ebda punt ta' liġi, iżda jirrigwarda l-apprezzament u l-evalwazzjoni ta' fatti li saret

mit-Tribunal. Qal li l-bank appellant qiegħed jipprova jiżvija lill-Qorti meta jargumenta bħallikieku d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet li ma kien hemm l-ebda żvelar ta' data personali mill-appellant lill-MUBE, u li ma tressqet ebda prova f'dan ir-rigward. Żied jgħid li dan l-appell qiegħed isir mid-deċiżjoni tat-Tribunal u mhux mill-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Kummissarju. L-appellat qal li t-Tribunal kellu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi provi li juru li kien hemm żvelar ta' informazzjoni personali da parti tal-bank appellant, kif ippruvat bix-xhieda mogħtija minn Claude Cremona Gabriele, li xehed li William Portelli kien infurmah li l-impjegat ikkonċernat kien Jan Sammut, u semmieh b'ismu. Prova oħra hija x-xhieda ta' David Perotti, *Human Resources Generalist* mal-bank appellant, li xehed li l-bank għamel kuntatt mal-MUBE biex jinfurmaha li kienet għaddejja investigazzjoni u li Sammut kien sospiż. L-appellat għamel riferiment għax-xhieda ta' Andrew Beane, li ukoll qal li fis-sustanza kien ġie diskuss il-fatt li impjegat kien ġie sospiż. Min-naħa tiegħu l-appellat xehed li huwa beda jirċievi telefonati mingħand uffiċjali ta' banek oħra u mingħand professjonisti oħra fis-settur dwar is-sospensjoni tiegħu. L-appellat għamel ukoll riferiment għax-xhieda ta' William Portelli, li qal li kien kellmu s-CEO tal-bank u qallu li hemm il-possibilità li Jan Sammut jiġi sospiż. L-appellat qal ukoll li ġiet esebita kopja ta' *email* minn William Portelli bid-data tal-11 ta' April, 2011, fejn dan irrefera għall-fatt li l-*MUBE* saret taf li membru tagħha kien ġie sospiż mill-impjieg wara li dan beda proċeduri ta' *grievance.* L-appellat spjega li meta jkollok imqar uffiċjal wieħed, li jiġi infurmat li kollega tiegħu ġie sospiż mill-impjieg wara li rreġistra *grievance* interna, tali uffiċjal ikun faċilment jista' jirrikonċilja din l-informazzjoni mal-fatt li jkun innota li kollega tiegħu jinsab nieqes minn fuq il-post tax-xogħol u dan b'mod ħesrem u

mingħajr ebda spjegazzjoni. Qal li dan huwa ta' rilevanza aktar meta f'dak il-mument ma jkun hemm ebda impjegat ieħor sospiż, u meta l-persuna sospiża ma tkunx tista' tagħmel kuntatt mal-kollegi tagħha.

24. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-bank appellant, l-appellat qal li l-informazzjoni li hija meqjusa sensittiva hija definita fil-liġi, u għalhekk m'hemm lok għal ebda interpretazzjoni f'dan ir-rigward. Qal li l-Kap. 440, li hija l-liġi applikabbli għall-każ odjern, tiddefinixxi 'data personali sensittiva' bħala data personali li tiżvela, fost dettalji oħra, sħubija fi *trade union,* u li mill-assjem tal-provi t-Tribunal stabbilixxa li bejn l-bank appellant u l-MUBE ġiet skambjata informazzjoni dwar is-sħubija tal-appellat fl-MUBE. Qal li din l-informazzjoni ġiet stabbilita b'diversi modi, fosthom permezz ta' *email* tal-11 ta' April, 2011 mibgħuta minn William Portelli fejn dan qal li t-taqsima tar-Riżorsi Umani kienet ikkonfermat li membru tal-*union* ġie sospiż; permezz ta' dak li xehed David Perotti, li qal li fiż-żmien meta seħħ il-każ, Sammut kien membru tal-*MUBE* għaliex huwa kkonferma dan; permezz tax-xhieda ta' William Portelli li semma lill-appellat, u qal li jista' jkun li xi ħadd qallu li kien qiegħed jiġi rappreżentat minn Mark Muscat; u permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Settembru, 2016, fejn jagħmel riferiment għall-*email* skambjata bejn ir-rappreżentant tal-Kummissarju u l-President tal-MUBE, tat-12 ta' Awwissu, 2016, li tgħid li dan il-każ kien dwar is-sospensjoni ta' membru tal-*MUBE.* L-appellat qal li mill-provi jirriżulta li l-bank appellant ħassu komdu li jinforma lill-President tal-MUBE dwar is-sospensjoni tiegħu mill-impjieg u dwar il-fatt li huwa talab li jiġi rappreżentat fi *grievance* interna minn persuna li ma kinitx qiegħda taġixxi f'isem l-MUBE. L-appellat qal li bħalma hemm dritt

fundamentali li wieħed jassoċja ruħu *f'union,* hemm ukoll id-dritt li wieħed ma jassoċjax ruħu b'dan il-mod. Qal li din is-sitwazzjoni kienet ilha għaddejja, tant hu hekk li kemm is-soċjetà appellanta kif ukoll il-*MUBE* qalu li din hija l-prassi f'ċirkostanzi fejn impjegat ikun ser jiġi jew ikun ġie sospiż. Qal li anki l-argument tal-bank appellant li d-data trid tiġi żvelata fis-sens ta' *revealed* u mhux *disclosed,* huwa kompletament mingħajr bażi, għaliex iż-żewġ kelmiet jista' jkollhom diversi tifsiriet, u l-kliem tal-liġi huwa ċar fis-sens li meta tiġi proċessata data li twassal għal sitwazzjoni fejn ir-riċevent ikun jaf jekk persuna hijiex imsieħba *f'union* jew le, tkun qiegħda tinkiser il-liġi.

25. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-bank appellant, l-appellat qal li l-ipproċessar ta' informazzjoni sensittiva hija regolata b'mod riġidu ħafna taħt il-Kap. 440, tant hu hekk li huwa permess l-ipproċessar f'żewġ ċirkostanzi, jiġifieri bil-kunsens tas-suġġett tad-data, jew jekk ikun dan tal-aħħar li joħroġ id-data għall-pubbliku. Il-Kap. 440 jippermetti wkoll dan l-ipproċessar għal raġunijiet ta' riċerka jew statistika, u jekk jiġu adottati salvagwardji xierqa u l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex il-kontrollur ikun jista' jikkonforma ma' dmirijiet jew jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt xi liġi li tirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg; jew l-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' xi persuna oħra jkunu jistgħu jiġu protetti u s-suġġett tad-data ma jkunx fiżikament jew legalment kapaċi li jagħti l-kunsens tiegħu; jew ikunu jistgħu jiġu stabbiliti, eżerċitati jew difiżi talbiet legali. Qal li f'dan il-każ ma teżisti l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi u għalhekk f'dan il-każ l-ipproċessar tad-data personali sensittiva li kien hemm, għandu jiġi meqjus bħala wieħed abbużiv u illegali. L-appellat għamel riferiment għal dak li jgħid il-ftehim kollettiv ta' dak

iż-żmien, li fil-klawsola 5 (paġna 45) tiegħu jgħid hekk taħt l-intestatura '*Considerations Prior to Formal Hearing':*

> *"With the consent of the individual, the Bank will copy all letters to the Union who represents the category of Employees which the employee undergoing disciplinary procedures forms part of."*

Taħt il-klawsoli 40 u 41, '*General Principles*' jintqal hekk:

> "*No person involved in any investigation, any interview or any part of the disciplinary procedures may disclose to any person, other than in the exercise of his official function relative to such disciplinary procedures, the contents of any document, communication or information whatsoever, which has come to his notice ..."*

26. L-appellant qal li x-xhieda li ddeskrivew li fil-bank appellant kien hemm il-prassi li ċerta informazzjoni tiġi skambjata bejn il-bank u l-*MUBE,* ma kienu ħadd ħlief iż-żewġ kontrolluri li nstabu responsabbli li pproċessaw informazzjoni b'mod abbużiv u illegali b'detriment għall-appellat. Qal li għalhekk il-bażi tal-interess leġittimu qatt ma tista' tiġi invokata b'suċċess mil-bank appellant, għaliex il-ftehim kollettiv jipprevali fuq kull prassi li tista' tiġi allegata. Żied jgħid li x-xhieda mogħtija mill-uffiċjali tal-bank appellant u minn William Portelli, mhijiex konsistenti u għalhekk ma tistax tkun kredibbli. L-appellat għamel riferiment għax-xhieda ta' David Perotti, li qal li teżisti l-prassi li meta persuna fil-grad klerikali jew maniġerjali tiġi sospiża, il-bank javża lill-President tal-MUBE b'dik is-sospensjoni. Kompla jgħid li anki d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Settembru, 2016, tagħmel riferiment għal *email* skambjata bejn David Cauchi u l-President tal-MUBE William Portelli, li tgħid li

f'każ ta' sospensjoni ta' membru tal-MUBE, il-*management* tal-bank jinforma lill-President jew lis-Segretarju Ġenerali tal-*MUBE* b'dan. Żied jgħid li anki William Portelli fix-xhieda tiegħu ma kienx ċar dwar jekk huwa kienx infurmat li Jan Sammut kien qiegħed jiġi rappreżentat minn Mark Muscat fil-*grievance.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

27. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-bank appellant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *ma kien hemm ebda skambju ta' informazzjoni jew data personali bejn il-bank u l-MUBE dwar Jan Sammut*

28. Il-bank appellant jiċħad li kien hemm skambju ta' informazzjoni jew ta' data personali bejn il-bank appellant u l-*MUBE,* dwar il-fatt li l-appellat kien ġie sospiż mill-impjieg wara li rreġistra *grievance* intern, u dwar il-fatt li l-appellat kien għażel li jkun rappreżentat fi proċeduri ta' *grievance* interna minn persuna, li għalkemm kien membru tal-*MUBE,* kien qiegħed jaġixxi għan-nom tal-appellat fil-vesti tiegħu personali. L-artikolu 2 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jiddefinixxi 'data personali' bħala *'kull informazzjoni li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli';* filwaqt li jgħid li dak li jagħmel persuna *'identifikabbli'* huwa dak li jagħmel persuna kapaċi li tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'riferenza għal numru ta' identifikazzjoni jew

għal xi fattur wieħed jew aktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha. Il-bank appellant qal li f'dan il-każ ma jistax jintqal li kien hemm żvelar ta' informazzjoni personali, għaliex minkejja li għaddiet xi informazzjoni bejn il-bank appellant u l-*MUBE,* bl-ebda mod ma jista' jingħad li kien hemm xi fattur jew xi fattur speċifiku li ġie identifikat. Żied jgħid li l-fatt waħdu li l-bank appellant iħaddem aktar minn elf u erba' mitt ruħ, jagħmilha impossibbli li wieħed jidentifika lill-appellat mid-deskrizzjoni ġenerika li ngħatat. Qal li anki l-Kummissarju qabel li f'dan il-każ ma ġiet żvelata l-ebda data personali dwar l-appellat.

29. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li mhuwiex ikkontestat li l-bank appellant informa lill-*MUBE* li impjegat tiegħu kien ġie sospiż mix-xogħol wara li rreġistra *grievance,* u li fil-proċeduri tal-*grievance* dan l-impjegat kien għażel li jkun rappreżentat minn Mark Muscat, uffiċjal tal-*MUBE,* li f'dan il-każ kien qiegħed jirrappreżenta lill-appellat fil-vesti tiegħu personali. L-appellat spjega li huwa għażel li jkun rappreżentat minn Muscat għaliex ma riedx li dak li ġara joħroġ barra mill-bank u jsir magħruf minn terzi. Mill-provi jirriżulta li Claude Cremona Gabriele, li kuntrarjament għal dak allegat mil-bank appellant, qal li William Portelli kien informa lill-uffiċjali tal-*MUBE* li impjegat tal-bank appellant kien ġie sospiż mill-impjieg wara li rreġistra *grievance* intern, u aktar tard identifika lill-appellat b'ismu. David Perotti, xhud ieħor, ukoll ikkonferma, li l-bank appellant għamel kuntatt mal-*MUBE* sabiex jinfurmaha li kien hemm investigazzjoni u li l-appellat kien ġie sospiż mill-impjieg. Prova oħra li l-informazzjoni ma ngħatatx b'mod ġeneriku, hija x-xhieda ġuramentata tal-appellat, fejn qal diversi persuni kienu saru jafu bil-każ tiegħu, għaliex beda

jirċievi telefonati minn kollegi u professjonisti fil-qasam, li riedu jkunu jafu hux minnu li kien qiegħed jiġi investigat. Il-Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-appellat jittratta quddiemha, fejn qal li l-appellat tant ħassu aggravat bil-mod kif bdiet ħierġa l-informazzjoni dwaru li dan saħansitra kellu jħalli Malta u jmur jaħdem barra. Jirriżulta wkoll li kien hemm *email* fejn William Portelli qal li uffiċjal ta' wieħed mill-banek kien ġie sospiż mill-impjieg wara li rreġistra proċedura ta' *grievance,* u din l-*email* intbagħtet lil għadd ta' persuni. L-appellat spjega li ma kienx diffiċli għal persuni midħla f'dan is-settur li jaslu għalih u jidentifikawh, għaliex minkejja li l-bank appellant iħaddem diversi nies, fiż-żmien meta seħħ dan kollu, huwa kien l-uniku impjegat sospiż mix-xogħol, u għalhekk ma kienx diffiċli biex il-kollegi tiegħu tal-bank u persuni oħra li jaħdmu fis-settur, jaslu għalih.

30. Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li f'dan il-każ kien hemm skambju ta' informazzjoni jew data personali bejn il-bank appellant u l-MUBE, u dan l-iskambju ta' informazzjoni wassal biex jiġi identifikat l-appellat, partikolarment f'ċirkostanzi fejn ma kien hemm l-ebda uffiċjal ieħor tal-bank appellant li kien sospiż mill-impjieg. Il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *l-informazzjoni li ngħatat ma tammontax għal data personali sensittiva skont il-liġi*

31. Il-bank appellant qal li anki li kieku l-informazzjoni li għaddiet b'mod anonimu kienet tammonta għal data personali, din żgur li ma kinitx tammonta għal data personali sensittiva skont il-liġi. Qal li informazzjoni sensittiva *ai*

*termini* tal-artikolu 12 tal-Kap. 440 hija t-tip ta' informazzjoni li teħtieġ il-kunsens tal-appellat biex tkun tista' tingħata, u hija deskritta bħala data personali li tiżvela r-razza jew l-oriġini etnika, il-fehmiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi *trade union,* jew l-attività sesswali ta' individwu. Qal li trid issir distinzjoni bejn data li tkun ġiet *revealed* u data li tkun ġiet *disclosed,* u li f'dan il-każ ma ġie żvelat xejn, għaliex l-informazzjoni inżammet anonima. Qal ukoll li l-MUBE f'dan il-każ ma rċeviet ebda informazzjoni ġdida stante li l-informazzjoni li ngħatat dwar is-sħubija tal-appellat kienet diġà fil-pussess tagħha ladarba dan kien membru tal-istess *union.*

32. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ diġà ġie stabbilit li kien hemm żvelar ta' informazzjoni li wasslet biex seta' jiġi identifikat l-appellat. Di più, it-test tal-liġi huwa ċar, u f'dan il-każ l-artikolu 12 tal-Kap. 440 jistabbilixxi li informazzjoni dwar jekk persuna hijiex imsieħba fi *trade union* hija kklassifikata bħala data sensittiva, u għalhekk teħtieġ il-kunsens tal-persuna jew tal-impjegat biex tingħata. F'dan il-każ kien proprju din l-informazzjoni li ngħatat mill-bank appellant, jiġifieri li persuna msieħba fl-MUBE kienet ġiet sospiża mill-impjieg, u ntqal ukoll li dan l-impjegat kien għażel uffiċjal tal-*MUBE* biex jirrappreżentah, iżda mhux fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal tal-*union,* iżda fil-kapaċità personali tiegħu. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ ġie ppruvat li l-bank appellant għadda informazzjoni jew data personali sensittiva dwar l-appellat, u dan mingħajr ma kiseb il-kunsens tal-appellat għal dan. Din l-informazzjoni qatt ma kellha tingħata mill-bank appellant lill-*MUBE,* mingħajr il-kunsens tal-impjegat, u għalhekk ċertament li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *Anki li kieku kellu jiġi stabbilit li din l-informazzjoni hija 'data personali sensittiva', ma kienx meħtieġ il-kunsens tal-impjegat mill-bank*

33. Il-bank appellant qal li anki li kieku kellu jiġi stabbilit, kif fil-fatt ġie stabbilit, li l-informazzjoni mgħoddija hija informazzjoni ta' xeħta 'sensittiva' u għalhekk kien meħtieġ il-kunsens tal-impjegat biex tingħata, f'dan il-każ il-kunsens tal-impjegat ma setax jintuża mill-prinċipal, anki li kieku ngħata. Il-bank spjega li quddiem ċirkostanzi bħal dawn, l-impjegat huwa meqjus bħala persuna vulnerabbli vis-à-vis min iħaddmu, u għalhekk huwa meqjus li ma jkunx jista' jagħti l-kunsens tiegħu b'mod liberu.

34. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ diġà ġie stabbilit li l-informazzjoni jew id-data mogħtija mill-bank appellant tista' tiġi kklassifikata bħala data sensittiva, u din hija regolata b'mod ristrett ħafna skont il-Kap. 440. Kif spjega tajjeb l-appellat, l-iżvelar ta' informazzjoni bħal din tista' ssir f'żewġ ċirkostanzi biss, jew bil-kunsens tas-suġġett tad-data, f'dan il-każ tal-appellat, jew inkella jekk ikun is-suġġett tad-data li joħroġ l-informazzjoni għall-pubbliku. Kull ipproċessar jew żvelar ta' informazzjoni sensittiva mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data, f'dan il-każ l-appellat, u mingħajr ma jkun is-suġġett tad-data nnifsu li joħroġ din l-informazzjoni, jammonta għal ipproċessar illegali għaliex jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440. Anki l-ftehim kollettiv iffirmat mal-*MUBE*, kien jipprojbixxi li informazzjoni bħal din tiġi żvelata, u dan kuntrarjament għal dak li xehdu uffiċjali tal-bank appellant u tal-*MUBE,* li qalu li kienet teżisti prassi li l-*MUBE* tiġi mgħarrfa meta seħħ is-sospensjoni ta' xi impjegat.

35. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-bank appellant ma jistax jinħeba wara dak li qiegħed jgħid fit-tielet aggravju tiegħu sabiex jinħeles mill-obbligu li qabel joħroġ informazzjoni bħal dik li ngħatat lill-*MUBE* jinkiseb il-kunsens tal-impjegat. Ladarba l-informazzjoni hija meqjusa sensittiva tant li huwa meħtieġ li jkun hemm il-kunsens tas-suġġett tad-data qabel din tingħata lil terzi, ma jistax il-bank *a priori* jiddeċiedi li din l-informazzjoni mhix ser tingħatalu mill-impjegat, jew inkella jiddeċiedi li f'każ li tingħatalu mhux ser ikun jista' jużaha. F'dan il-każ jidher ċar li għar-raġunijiet tiegħu, l-appellat ma xtaqx li jinforma lill-*MUBE* bil-fatt li huwa ġie sospiż mill-impjieg, u li għażel lil xi ħadd li kien jaħdem miegħu fl-istess bank biex jirrappreżentah fil-*grievance.* L-appellat għażel li ma tkunx il-*MUBE* jew xi uffiċjal tagħha li jiddefenduh, imma l-bank appellant bl-azzjoni tiegħu wera li ma riedx jirrispetta din l-għażla tal-appellat u minflok ivvolontarja din l-informazzjoni lill-*MUBE* huwa stess, xi ħaġa li ma kellux jagħmel. Għaldaqstant tqis li t-tielet aggravju mhuwiex mistħoqq u qiegħda tiċħdu wkoll.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-bank appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, u b'hekk tordna li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, għal deċiżjoni mill-ġdid li tieħu konjizzjoni tar-riżultanzi tat-Tribunal u ta' din il-Qorti.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-bank appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**